# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — DIĊEMBRU 1947

# TIFKIRA TA' NIES KBAR

*IN-NIES il-kbar tal-pajjiż qishom il-kwiekeb li jsebbħu s-sema li jgħatti 'l dak il-pajjiż; huma mhux biss jitqiesu bħala ġieh u żina ta' art twelidhom, iżda jkattru u jseddqu r-risq u l-ġid, morali u materjali ta' dik l-art.*

*Kull pajjiż jidher f'għajnejn il-barranin kbir jew żgħir, għani jew fqir, mhux biss skond il-flus li jaqilgħu l-pajżani jew skond il-għana li tirrendi l-art, iżda wkoll skond l-impressjoni li jagħmel fil-ħajja tal-bnedmin u fil-progress tad-dinja. Aktar ma pajjiż ikollu sehem fit-tiswir ta' ħajjet il-bnedmin aktar jingħadd ta' kbir u billi kull ħidma ta' ġieh jew ta' fejda titnissel mill-imħuħ tan-nies kbar u titwettaq bil-ħidma tagħhom, jiġri li mill-għadd ta' nies kbar jiddependi l-post li kull pajjiż jikseb fost il-għaqda tal-ġnus.*

*Minn hawn ġej li hemm bosta pajjiżi li għalkemm igħoddu eluf ta' eluf ta' nies, ħadd ma jqishom ma' l-ewlenin, għax ħadd min-nies tagħhom ma ħalla impressjoni fuq il-ħajja tas-soċjetà. Hawn ukoll pajjiżi oħra li l-art tagħhom hi għanja b'mitt ġid, iżda huma wkoll ma jingħaddux ma' l-aqwa pajjiżi għax bil-ġid kollu tagħhom ma swew xejn biex itejbu ħajjet il-bniedem.*

*La darba huma n-nies il-kbar li jgħollu l-pajjiż fost ix-xirka tal-ġnus, lilhom imiss kull ġieh u foħrija.* "Honor virtutis praemium". *Minn dejjem hekk kien li l-popli jweġġħu lin-nies kbar tagħhom u meta jagħmlu dan ikunu qegħdin jonoraw lilhom infushom u lil pajjiżhom ukoll.*

*Dan il-kult għan-nies il-kbar ilu mill-eqdem żminijiet taddinja u minn dejjem sewa biex ħajjar in-nies għal opri ta' fejda u ta ġid; għax il-bniedem minnu nnifsu jħoss ġibda għal dak li hu kbir u sewwa u tal-ġieh, u jixxennaq biex wara mewtu jħalli xi tifkira li ma tintemmx mal-mogħdija tas-snin.*

*Kull bniedem bil-għaqal iħoss soddisfazzjon meta jixxiebah man-nies kbar li għexu qablu u jħoss għoġba wkoll meta jitkellem mal-barranin fuq in-nies kbar ta' pajjiżu, għax lil dawn iqishom bħala biċċa minnu nnifsu u ħaġa waħda miegħu, hu jidhirlu li xi ftit mill-ġieh li qalgħu n-nies imsemmija ta' pajjiżu, imiss lilu*

*u għalhekk iħoss ruħu mkabbar meta jisma' min ifaħħarlu l-kumpaeżani kbar tiegħu.*

*Għaldaqshekk huwa dmir, bicx ingħid hekk, li l-popli u l-Gvernijiet tagħhom jagħtu dak il-ġieħ li jistħoqq lin-nies kbar tal-pajjiż; imma aħna naraw li kull nazzjon tunura lill-kbar tagħha mhux għax hi obbligata tagħmel hekk, imma għax tħoss tqanqila ta' ferħ u ta' foħrija meta tfaħħar dawk in-nies kbar li għamlulha ġieħ u għallewha fost il-barranin. Barra minn Malta l-aqwa festi jsiru, aktarx kollha, b'tifkira tan-nies il-kbar u jieħdu sehem il-klassijiet kollha, mill-Kap tal-Gvern sa l-ifqar bniedem.*

*Mela jixraq ħafna li aħna nimxu mal-popli ċivilizzati u nagħtu ġieħ u foħrija lill-kbar tagħna. Tassew li aħna poplu żgħir fil-għadd tan-nies, iżda aħna wkoll għandna n-nies kbar tagħna, li għamlu ġieħ fl-istorja ta' nazzjonijiet oħra.*

*Wieħed minn dawn ulied Malta li ħa sehem fit-tiswir ta' l-istorja tal-Mediterran hu l-Kanonku Franġisku Saverju Caruana, li dis-sena jaħbat iċ-ċentinarju tiegħu. Caruana ħalla bosta għajdut warajh, min faħħru u min maqdru, imma ħadd ma ċaħad li ma kienx wieħed mill-Kapijiet Maltin l-aktar imsemmija u li l-ħidma tiegħu kellha sehem kbir fl-istorja ta' Malta u tal-pajjżi l-oħra tal-Mediterran. Għalhekk aħna dehrilna li għandna nġibu xi ħaġa fuq ħajtu, billi l-"Għaqda tal-Kittieba" qatt ma baqgħet lura fejn indaħal il-ġieħ ta' Malta u tal-Maltin.*

---

## AVVIŻ EDITORJALI

Fil-waqt li għandna l-pjaċir inħabbru illi t-Tabib Ġużè Galea, M.D., D.P.H., President tal-"Għaqda" u Direttur ta' din ir-Rivista, ġie maħtur bħala Professur tal-Mediċina Legali fl-Università tagħna, u, għalhekk jinsab imsiefer għal Kors ta' taħriġ f'din il-materja, ngħarrfu illi floku, bħala Aġent Direttur ta' *Il-Malti* daħal il-Viċi-President, is-Sur Nin Cremona. Kull kitba ta' proża jew poeżija għall-istampa f'*Il-Malti* għandha, għalhekk, tinbagħat lilu.

Fil-waqt li nifirħu lit-Tabib Galea għal din in-nomina ta' ġieħ ġdid għal ismu ,nixtiequlu kull risq għalli ġej bit-tama li ma ndumux ma nerġgħu narawh fostna u b'ħiltu jżejjen il-kariga sabiħa tiegħu ma' dik li għandu fid-Dipartiment tas-Saħħa.